Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0209(COD)

4.12.2023

EMENDI
56 - 145

Abbozz ta' rapport
Ondřej Kovařík
(PE753.780v01-00)

Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' pagament u s-servizzi ta' flus elettroniċi fis-Suq Intern u li temenda d-Direttiva 98/26/KE, u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0366 – C9-0218/2023 – 2023/0111(COD))

Emenda 56
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Kif muri fir-rieżami mwettaq mill-Kummissjoni u minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq rispettivi, in-negozji u r-riskji rispettivi marbuta mal-attivitajiet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-reġim prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, billi tintalab liċenzja unika għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi li ma jeħdux depożiti. Minħabba li r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistabbilixxi fl-Artikolu 48(2) tiegħu li l-emittenti tal-flus elettroniċi għandhom jitqiesu bħala flus elettroniċi, jenħtieġ li r-reġim ta' liċenzjar għall-istituzzjonijiet ta' pagament, billi dawn se jissostitwixxu l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, japplika wkoll għall-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi. Ir-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq awtorizzazzjoni, soġġetta għal sett ta' kundizzjonijiet stretti u komprensivi, għal persuni ġuridiċi li joffru servizzi ta' pagament meta ma jeħdux depożiti. Jenħtieġ li r-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament, jiżgura li japplikaw l-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha għall-attività tal-forniment ta' servizzi ta' pagament.	(6) Kif muri fir-rieżami mwettaq mill-Kummissjoni u minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq rispettivi, in-negozji u r-riskji rispettivi marbuta mal-attivitajiet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-reġim prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, billi tintalab liċenzja unika għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi li ma jeħdux depożiti. Minħabba li r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistabbilixxi fl-Artikolu 48(2) tiegħu li l-emittenti ***ta' tokens*** tal-flus elettroniċi għandhom jitqiesu bħala ***istituzzjonijiet tal-***flus elettroniċi, jenħtieġ li r-reġim ta' liċenzjar għall-istituzzjonijiet ta' pagament, billi dawn se jissostitwixxu l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, japplika wkoll għall-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi. Ir-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq awtorizzazzjoni, soġġetta għal sett ta' kundizzjonijiet stretti u komprensivi, għal persuni ġuridiċi li joffru servizzi ta' pagament meta ma jeħdux depożiti. Jenħtieġ li r-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament, jiżgura li japplikaw l-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha għall-attività tal-forniment ta' servizzi ta' pagament.
[32] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937	[32] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937

(ĠU L 150, 9.06.2023, p. 40).

(ĠU L 150, 9.06.2023, p. 40).

Or. en

Emenda 57
Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Kif muri fir-rieżami mwettaq mill-Kummissjoni u minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq rispettivi, in-negozji u r-riskji rispettivi marbuta mal-attivitajiet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-reġim prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, billi tintalab liċenzja unika għall-forniturи ta' servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi li ma jeħdux depożiti. Minħabba li r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistabbilixxi fl-Artikolu 48(2) tiegħu li l-emittenti tal-flus elettroniċi għandhom ***jitqiesu bħala*** flus elettroniċi, ***jenħtieġ li*** r-reġim ta' liċenzjar għall-istituzzjonijiet ta' pagament***, billi dawn se jissostitwixxu l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi,*** japplika wkoll għall-***emittenti tat-***tokens tal-flus elettroniċi***. Ir-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq*** awtorizzazzjoni***, soġġetta għal sett ta' kundizzjonijiet stretti u komprensivi, għal persuni ġuridiċi li joffru servizzi ta' pagament meta ma jeħdux depożiti. Jenħtieġ li r-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament, jiżgura li japplikaw l-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha għall-attività tal-forniment ta' servizzi ta' pagament***.	(6) Kif muri fir-rieżami mwettaq mill-Kummissjoni u minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq rispettivi, in-negozji u r-riskji rispettivi marbuta mal-attivitajiet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-reġim prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, billi tintalab liċenzja unika għall-forniturи ta' servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi li ma jeħdux depożiti. Minħabba li r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistabbilixxi fl-Artikolu 48(2) tiegħu li l-emittenti ta' ***tokens*** tal-flus elettroniċi għandhom ***ikunu awtorizzati jew bħala istituzzjoni tal-kreditu jew bħala istituzzjoni*** tal-flus elettroniċi, ir-reġim ta' liċenzjar għall-istituzzjonijiet ta' pagament ***jista'*** japplika wkoll għal ***fornituri ta' servizzi fuq*** tokens ta' flus elettroniċi ***li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-***awtorizzazzjoni ***bħala fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi (CASP) fit-Titolu V ta' dak ir-Regolament***.

[32] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.06.2023, p. 40).

[32] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.06.2023, p. 40).

Or. en

Emenda 58
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba l-ħolqien ta' tipi ġodda ta' strumenti ta' pagament u l-inċertezzi prevalenti fis-suq fir-rigward tal-kwalifika legali tagħhom, id-definizzjoni ta' "strument ta' pagament" jenħtieġ li tiġi speċifikata aktar billi jiġu pprovduti xi eżempji biex jintwera x'jikkostitwixxi jew x'ma jikkostitwix strument ta' pagament, waqt li jitqies il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.	(10) Minħabba l-ħolqien ta' tipi ġodda ta' strumenti ta' pagament***, is-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jistgħu jservu bħala bażi għal tali strumenti,*** u l-inċertezzi prevalenti fis-suq fir-rigward tal-kwalifika legali tagħhom, id-definizzjoni ta' "strument ta' pagament" jenħtieġ li tiġi speċifikata aktar billi jiġu pprovduti xi eżempji biex jintwera x'jikkostitwixxi jew x'ma jikkostitwix strument ta' pagament, waqt li jitqies il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.

Or. en

Emenda 59
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Id-definizzjoni ta' "strument ta' pagament" skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 irreferiet għal "apparat personalizzat". Peress li hemm kards	(12) Id-definizzjoni ta' "strument ta' pagament" skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 irreferiet għal "apparat personalizzat". Peress li hemm kards

imħallsa minn qabel li fuqhom l-isem tad-detentur tal-istrument ma jkunx stampat fuq il-kard, dan jista' jippermetti li dawk it-tipi ta' kards jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' strument ta' pagament. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "strument ta' pagament", tiġi emendata biex tirreferi għal apparati "individwalizzati" minflok dawk "personalizzati", filwaqt li tiċċara li l-kards imħallsa minn qabel fejn l-isem tad-detentur tal-istrument ma jkunx stampat fuq il-kard ikunu strumenti ta' pagament.	imħallsa minn qabel li fuqhom l-isem tad-detentur tal-istrument ma jkunx stampat fuq il-kard, dan jista' jippermetti li dawk it-tipi ta' kards jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' strument ta' pagament. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "strument ta' pagament", tiġi emendata biex tirreferi għal apparati "individwalizzati" minflok dawk "personalizzati", filwaqt li tiċċara li l-kards imħallsa minn qabel fejn l-isem tad-detentur tal-istrument ma jkunx stampat fuq il-kard ikunu strumenti ta' pagament. ***Kont tekniku użat biss biex titħallas lura linja ta' kreditu mogħtija esklużivament b'rabta ma' tranżazzjoni ta' pagament lanqas ma għandu jaqa' taħt id-definizzjoni ta' kont ta' pagament.***

Or. en

Emenda 60
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-hekk imsejħa "portafolji "pass-through", li jinvolvu t-tokenisation ta' strument ta' pagament eżistenti, inkluż kard ta' pagament, għandhom jitqiesu bħala servizzi tekniċi***, u għalhekk*** jenħtieġ li jiġu esklużi mid-definizzjoni ta' strument ***ta' pagament peress li token ma jistax jitqies bħala strument ta' pagament fih innifsu iżda, pjuttost, applikazzjoni għal pagament fis-sens tal-Artikolu 2, il-punt (21) tar-Regolament (UE) 2015/75 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33] . Madankollu***, xi kategoriji oħra ta' portafolji diġitali, jiġifieri portafolji elettroniċi mħallsa minn qabel bħal "portafolji fi stadji" fejn l-utenti jistgħu jaħżnu l-flus għal tranżazzjonijiet online futuri, jenħtieġ li jitqiesu bħala strument ta'	(13) L-hekk imsejħa "portafolji "pass-through", li jinvolvu t-tokenisation ta' strument ta' pagament eżistenti, inkluż kard ta' pagament, ***ma għandhomx*** jitqiesu bħala servizzi tekniċi***.*** Jenħtieġ li ***dawn ma*** jkunux esklużi mid-definizzjoni***. Barra minn hekk***, xi kategoriji oħra ta' portafolji diġitali, jiġifieri portafolji elettroniċi mħallsa minn qabel bħal "portafolji fi stadji" fejn l-utenti jistgħu jaħżnu l-flus għal tranżazzjonijiet online futuri, jenħtieġ li jitqiesu bħala strument ta' pagament u l-ħruġ tagħhom bħala servizz ta' pagament.

pagament u l-ħruġ tagħhom bħala servizz ta’ pagament.

[33] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta’ pagament permezz ta’ kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

[33] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta’ pagament permezz ta’ kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 61
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-hekk imsejħa “portafolji “pass-through”, li jinvolvu t-tokenisation ta’ strument ta’ pagament eżistenti, inkluż kard ta’ pagament, għandhom jitqiesu bħala servizzi tekniċi, u għalhekk jenħtieġ li jiġu esklużi mid-definizzjoni ta’ strument ta’ pagament peress li token ma jistax jitqies bħala strument ta’ pagament fih innifsu iżda, pjuttost, applikazzjoni għal pagament fis-sens tal-Artikolu 2, il-punt (21) tar-Regolament (UE) ***2015/75*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]. Madankollu, xi kategoriji oħra ta’ portafolji diġitali, jiġifieri portafolji elettroniċi mħallsa minn qabel bħal “portafolji fi stadji” fejn l-utenti jistgħu jaħżnu l-flus għal tranżazzjonijiet online futuri, jenħtieġ li jitqiesu bħala strument ta’ pagament u l-ħruġ tagħhom bħala servizz ta’ pagament.	(13) L-hekk imsejħa “portafolji “pass-through”, li jinvolvu t-tokenisation ta’ strument ta’ pagament eżistenti, inkluż kard ta’ pagament, għandhom jitqiesu bħala servizzi tekniċi, u għalhekk jenħtieġ li jiġu esklużi mid-definizzjoni ta’ strument ta’ pagament peress li token ma jistax jitqies bħala strument ta’ pagament fih innifsu iżda, pjuttost, applikazzjoni għal pagament fis-sens tal-Artikolu 2, il-punt (21) tar-Regolament (UE) ***2015/751*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]. Madankollu, xi kategoriji oħra ta’ portafolji diġitali, jiġifieri portafolji elettroniċi mħallsa minn qabel bħal “portafolji fi stadji” fejn l-utenti jistgħu jaħżnu l-flus għal tranżazzjonijiet online futuri, jenħtieġ li jitqiesu bħala strument ta’ pagament u l-ħruġ tagħhom bħala servizz ta’ pagament.
[33] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta’	[33] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta’

pagament permezz ta’ kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).	pagament permezz ta’ kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 62
Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-31 ta’ Mejju 2023 jistabbilixxi li t-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jitqiesu bħala flus elettroniċi. Jenħtieġ għalhekk li t-tokens tal-flus elettroniċi jiġu inklużi bħala flus elettroniċi, fid-definizzjoni ta’ fondi**.**	(16) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-31 ta’ Mejju 2023 jistabbilixxi li t-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jitqiesu bħala flus elettroniċi. Jenħtieġ għalhekk li t-tokens tal-flus elettroniċi jiġu ***ttrattati bħala flus elettroniċi għall-iskop tal-ħruġ u l-fidwa tagħhom, l-offerta tagħhom lill-pubbliku u l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ. Għalhekk, u esklużivament għall-iskop ta’ dawn l-operazzjonijiet, jenħtieġ għalhekk li t-tokens tal-flus elettroniċi jiġu*** inklużi bħala flus elettroniċi, fid-definizzjoni ta’ fondi.

Or. en

Emenda 63
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta jitqiesu d-diffikultajiet esperjenzati mill-istituzzjonijiet ta’ pagament fil-ftuħ u ż-żamma ta’ kontijiet ta’ pagament ma’ istituzzjonijiet ta’ kreditu, huwa meħtieġ li tiġi prevista għażla addizzjonali għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, jiġifieri l-possibbiltà li dawk il-fondi jinżammu f’bank ċentrali.	(31) Meta jitqiesu d-diffikultajiet esperjenzati mill-istituzzjonijiet ta’ pagament fil-ftuħ u ż-żamma ta’ kontijiet ta’ pagament ma’ istituzzjonijiet ta’ kreditu, huwa meħtieġ li tiġi prevista għażla addizzjonali għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, jiġifieri l-possibbiltà li dawk il-fondi jinżammu f’bank ċentrali.

Madankollu, jenħtieġ li dik il-possibbiltà ***tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li*** bank ċentrali ***ma*** joffrix dik l-għażla***, abbażi tal-liġi organika tiegħu***. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu protetti l-fondi tal-utenti u li jiġi evitat li tali fondi jintużaw għal finijiet oħra għajr biex jiġu pprovduti servizzi ta' pagament jew servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament jinżammu separati mill-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament u l-istituzzjonijiet ta' pagament li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jiġu allinjati kemm jista' jkun is-sistemi applikabbli għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, filwaqt li jiġu ppreservati l-ispeċifiċitajiet tal-flus elettroniċi. Ir-riskju ta' konċentrazzjoni huwa riskju sinifikanti li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet ta' pagament, b'mod partikolari meta il-fondi jiġu salvagwardjati f'istituzzjoni ta' kreditu unika. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' pagament jevitaw ir-riskju ta' konċentrazzjoni sa fejn ikun possibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-EBA tingħata struzzjonijiet biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar l-evitar tar-riskju fis-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti.

Biex tiġi żgurata din il-possibbiltà ***tkun disponibbli għall-istituzzjonijiet tal-pagament, u biex jiżdiedu l-kundizzjonijiet ekwi fl-aċċess għall-faċilitajiet tal-kontijiet tal-***bank ċentrali***, il-banek ċentrali għandhom ikunu meħtieġa*** joffru ***aċċess għall-kontijiet tagħhom lill-istituzzjonijiet tal-pagament fuq bażi oġġettiva, mhux diskriminatorja u proporzjonata***. ***Kwalunkwe ċaħda ta'*** dik l-għażla ***mill-bank ċentrali jenħtieġ li tkun ġustifikata kif xieraq lill-istituzzjoni ta' pagament rilevanti***. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu protetti l-fondi tal-utenti u li jiġi evitat li tali fondi jintużaw għal finijiet oħra għajr biex jiġu pprovduti servizzi ta' pagament jew servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament jinżammu separati mill-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament u l-istituzzjonijiet ta' pagament li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jiġu allinjati kemm jista' jkun is-sistemi applikabbli għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, filwaqt li jiġu ppreservati l-ispeċifiċitajiet tal-flus elettroniċi. Ir-riskju ta' konċentrazzjoni huwa riskju sinifikanti li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet ta' pagament, b'mod partikolari meta il-fondi jiġu salvagwardjati f'istituzzjoni ta' kreditu unika. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' pagament jevitaw ir-riskju ta' konċentrazzjoni sa fejn ikun possibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-EBA tingħata struzzjonijiet biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar l-evitar tar-riskju fis-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti.

Or. en

Emenda 64
Eugen Jurzyca

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu, iżda din l-attività jenħtieġ li tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet stretti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi rregolat l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet ta' pagament fil-forma ta' linji ta' kreditu u l-ħruġ ta' kards ta' kreditu, sa fejn dawk is-servizzi jiffaċilitaw is-servizzi ta' pagament u jekk il-kreditu jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar, inkluż fuq bażi rotanti. Huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu fuq terminu qasir fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, bil-kundizzjoni li dan jiġi ffinanzjat mill-ġdid prinċipalment bl-użu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament, kif ukoll b'fondi oħra mis-swieq kapitali, u mhux bil-fondi miżmuma f'isem klijenti għal servizzi ta' pagament. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] jew liġi tal-Unjoni jew miżuri nazzjonali rilevanti oħra fir-rigward ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi. Minħabba n-natura prinċipalment ta' self tagħhom, jenħtieġ li s-servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" ma jikkostitwixxux servizz ta' pagament. Dawk is-servizzi huma koperti mid-Direttiva l-ġdida dwar il-krediti għall-konsumatur li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/48/KE.	(35) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu, iżda din l-attività jenħtieġ li tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet stretti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi rregolat l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet ta' pagament fil-forma ta' linji ta' kreditu u l-ħruġ ta' kards ta' kreditu, sa fejn dawk is-servizzi jiffaċilitaw is-servizzi ta' pagament u jekk il-kreditu jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar, inkluż fuq bażi rotanti. Huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu fuq terminu qasir fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, bil-kundizzjoni li dan jiġi ffinanzjat mill-ġdid prinċipalment bl-użu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament, kif ukoll b'fondi oħra mis-swieq kapitali, u mhux bil-fondi miżmuma f'isem klijenti għal servizzi ta' pagament. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] jew liġi tal-Unjoni jew miżuri nazzjonali rilevanti oħra fir-rigward ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi. Minħabba n-natura prinċipalment ta' self tagħhom, jenħtieġ li s-servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" ma jikkostitwixxux servizz ta' pagament. Dawk is-servizzi huma koperti mid-Direttiva l-ġdida dwar il-krediti għall-konsumatur li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/48/KE. ***Madankollu, impriżi li jipprovdu servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" huma suġġetti għal din id-Direttiva jekk jipprovdu xi servizz ta' pagament kif imsemmi fl-Anness I.***
[39] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-	[39] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-

Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).	Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li entitajiet li jipprovdu servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" huma suġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva jekk jipprovdu servizzi ta' pagament.

Emenda 65
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu, iżda din l-attività jenħtieġ li tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet stretti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi rregolat l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet ta' pagament fil-forma ta' linji ta' kreditu u l-ħruġ ta' kards ta' kreditu, sa fejn dawk is-servizzi jiffaċilitaw is-servizzi ta' pagament ***u jekk il-kreditu jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar***, inkluż fuq bażi rotanti. Huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu fuq terminu qasir fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, bil-kundizzjoni li dan jiġi ffinanzjat mill-ġdid prinċipalment bl-użu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament, kif ukoll b'fondi oħra mis-swieq kapitali, u mhux bil-fondi miżmuma f'isem klijenti għal servizzi ta' pagament. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] jew liġi tal-Unjoni jew miżuri nazzjonali rilevanti oħra fir-rigward ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi. Minħabba n-natura prinċipalment ta' self tagħhom, jenħtieġ li s-servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard"	(35) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu, iżda din l-attività jenħtieġ li tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet stretti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi rregolat l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet ta' pagament fil-forma ta' linji ta' kreditu u l-ħruġ ta' kards ta' kreditu, sa fejn dawk is-servizzi jiffaċilitaw is-servizzi ta' pagament, inkluż fuq bażi rotanti. Huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu fuq terminu qasir fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, bil-kundizzjoni li dan jiġi ffinanzjat mill-ġdid prinċipalment bl-użu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament, kif ukoll b'fondi oħra mis-swieq kapitali, u mhux bil-fondi miżmuma f'isem klijenti għal servizzi ta' pagament. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] jew liġi tal-Unjoni jew miżuri nazzjonali rilevanti oħra fir-rigward ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi. Minħabba n-natura prinċipalment ta' self tagħhom, jenħtieġ li s-servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" ma jikkostitwixxux servizz ta' pagament. Dawk is-servizzi huma koperti mid-

ma jikkostitwixxux servizz ta' pagament. Dawk is-servizzi huma koperti mid-Direttiva l-ġdida dwar il-krediti għall-konsumatur li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/48/KE.	Direttiva l-ġdida dwar il-krediti għall-konsumatur li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/48/KE.
[39] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).	[39] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

Or. en

Emenda 66
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) Sabiex l-istituzzjonijiet tal-pagament ikunu involuti tassew f'servizzi transfruntieri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi ċertu sit web tal-Internet jew punt uniku ta' servizz bl-informazzjoni kollha f'post wieħed dwar kif tirreġistra fi Stati Membri partikolari.

Or. en

Emenda 67
Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(45a) Meta l-akkwirenti jużaw aġent biex iwasslu s-servizzi tal-pagament, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-aġent jaġixxi**

biss f'isem akkwirent wieħed bħala l-fornitur prinċipali tas-servizzi tal-pagament u mhux fir-rigward tas-servizzi ta' pagament kollha pprovduti lill-utent tas-servizzi tal-pagament.

Or. en

Emenda 68
Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 45b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45b) Biex jitqiesu r-realtajiet tas-suq li qed jevolvu, is-swieq u l-pjattaformi appoġġjati minn fornituri ta' servizzi ta' pagament, li jneħħu lil dawn tal-aħħar mill-kontroll jew mill-pussess ta' fondi għal partijiet terzi, ma għandhomx jitqiesu bħala aġenti awtomatiċi tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 69
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Biex ikompli jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti, li hija prijorità tal-Kummissjoni, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru, fi ħwienet fiżiċi, servizzi ta' forniment ta' flus kontanti anki fin-nuqqas ta' xiri minn klijent, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew reġistrazzjoni jew ikunu aġent ta' istituzzjoni ta'	(62) Biex ikompli jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti, li hija prijorità tal-Kummissjoni, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru, fi ħwienet fiżiċi, servizzi ta' forniment ta' flus kontanti anki fin-nuqqas ta' xiri minn klijent, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew reġistrazzjoni jew ikunu aġent ta' istituzzjoni ta'

pagament. Dawk is-servizzi ta' forniment ta' flus jenħtieġ, madankollu, li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' divulgazzjoni tat-tariffi mitluba lill-klijent, jekk ikun hemm. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-bejjiegħa bl-imnut fuq bażi volontarja u jenħtieġ li jkunu jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' flus kontanti mill-bejjiegħ bl-imnut. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-amministraturi tal-ATMs li ma jġestixxux kontijiet ta' pagament u l-bejjiegħa bl-imnut li joffru ġbid ta' flus mingħajr xiri, u biex jiġi żgurat li l-ħwienet ma jitilfux b'mod rapidu l-flus kontanti, huwa xieraq li jiġi impost limitu massimu ta' EUR 50 għal kull tranżazzjoni.	pagament. Dawk is-servizzi ta' forniment ta' flus jenħtieġ, madankollu, li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' divulgazzjoni tat-tariffi mitluba lill-klijent, jekk ikun hemm. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-bejjiegħa bl-imnut fuq bażi volontarja u jenħtieġ li jkunu jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' flus kontanti mill-bejjiegħ bl-imnut. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-amministraturi tal-ATMs li ma jġestixxux kontijiet ta' pagament u l-bejjiegħa bl-imnut li joffru ġbid ta' flus mingħajr xiri, u biex jiġi żgurat li l-ħwienet ma jitilfux b'mod rapidu l-flus kontanti, huwa xieraq li jiġi impost limitu massimu ta' EUR 50 għal kull tranżazzjoni ***u EUR 500 kull xahar***. ***Meta joffru dan is-servizz, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu obbligati li jitolbu d-dħul tal-Kodiċi PIN manwalment mill-klijent.***
	Or. en

Emenda 70
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Biex ikompli jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti, li hija prijorità tal-Kummissjoni, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru, fi ħwienet fiżiċi, servizzi ta' forniment ta' flus kontanti anki fin-nuqqas ta' xiri minn klijent, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew reġistrazzjoni jew ikunu aġent ta' istituzzjoni ta' pagament. Dawk is-servizzi ta' forniment ta' flus jenħtieġ, madankollu, li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' divulgazzjoni tat-tariffi mitluba lill-klijent, jekk ikun hemm. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-bejjiegħa bl-imnut fuq bażi volontarja	(62) Biex ikompli jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti, li hija prijorità tal-Kummissjoni, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru, fi ħwienet fiżiċi, servizzi ta' forniment ta' flus kontanti anki fin-nuqqas ta' xiri minn klijent, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew reġistrazzjoni jew ikunu aġent ta' istituzzjoni ta' pagament. Dawk is-servizzi ta' forniment ta' flus jenħtieġ, madankollu, li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' divulgazzjoni tat-tariffi mitluba lill-klijent, jekk ikun hemm. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-bejjiegħa bl-imnut fuq bażi volontarja

u jenħtieġ li jkunu jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' flus kontanti ***mill-***bejjiegħ bl-imnut. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-amministraturi tal-ATMs li ma jġestixxux kontijiet ta' pagament u l-bejjiegħa bl-imnut li joffru ġbid ta' flus mingħajr xiri, u biex jiġi żgurat li l-ħwienet ma jitilfux b'mod rapidu l-flus kontanti, huwa xieraq li jiġi impost limitu massimu ta' EUR ***50*** għal kull tranżazzjoni.	u jenħtieġ li jkunu jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' flus kontanti ***għand il-***bejjiegħ bl-imnut. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-amministraturi tal-ATMs li ma jġestixxux kontijiet ta' pagament u l-bejjiegħa bl-imnut li joffru ġbid ta' flus mingħajr xiri, u biex jiġi żgurat li l-ħwienet ma jitilfux b'mod rapidu l-flus kontanti, huwa xieraq li jiġi impost limitu massimu ta' EUR ***100 jew l-ammont rilevanti fil-munita tal-Istat Membru kkonċernat*** għal kull tranżazzjoni.

Or. en

Emenda 71
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Din id-Direttiva ma tinkludix rekwiżiti ta' liċenzjar għal sistemi ta' pagament, skemi ta' pagament jew arranġamenti ta' pagament, waqt li tqis il-ħtieġa li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni mal-qafas ta' sorveljanza tal-Eurosistema fuq is-sistemi ta' pagament bl-imnut, inkluż fuq is-Sistemi ta' Pagament Sistemikament Importanti u sistemi oħra, kif ukoll il-Qafas il-ġdid "PISA" tal-Eurosistema, u s-sorveljanza mill-banek ċentrali nazzjonali. ***Din id-Direttiva lanqas ma tkopri, fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-forniment ta' servizzi tekniċi inkluż l-ipproċessar jew l-operat ta' portafolji diġitali.*** Madankollu, meta jitqies il-pass tal-innovazzjoni fis-settur tal-pagamenti u l-emerġenza possibbli ta' riskji ġodda, huwa meħtieġ li fir-rieżami futur ta' din id-Direttiva l-Kummissjoni tqis b'mod partikolari dawk l-iżviluppi u tivvaluta jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġx li jiġi estiż biex	(68) Din id-Direttiva ma tinkludix rekwiżiti ta' liċenzjar għal sistemi ta' pagament, skemi ta' pagament jew arranġamenti ta' pagament, waqt li tqis il-ħtieġa li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni mal-qafas ta' sorveljanza tal-Eurosistema fuq is-sistemi ta' pagament bl-imnut, inkluż fuq is-Sistemi ta' Pagament Sistemikament Importanti u sistemi oħra, kif ukoll il-Qafas il-ġdid "PISA" tal-Eurosistema, u s-sorveljanza mill-banek ċentrali nazzjonali. Madankollu, meta jitqies il-pass tal-innovazzjoni fis-settur tal-pagamenti u l-emerġenza possibbli ta' riskji ġodda, huwa meħtieġ li fir-rieżami futur ta' din id-Direttiva l-Kummissjoni tqis b'mod partikolari dawk l-iżviluppi u tivvaluta jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġx li jiġi estiż biex ikopri servizzi u entitajiet ġodda.

ikopri servizzi u entitajiet ġodda.

Or. en

Emenda 72
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) L-istituzzjonijiet ta' pagament mhumiex inklużi fil-lista ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "istituzzjonijiet" fl-Artikolu 2, il-punt (b) tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47]. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet ta' pagament effettivament mhux qed jitħallew jipparteċipaw f'sistemi ta' pagament innominati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Dan in-nuqqas ta' aċċess għal ċerti sistemi ta' pagament ewlenin jista' jimpedixxi lill-istituzzjonijiet ta' pagament milli jipprovdu firxa sħiħa ta' servizzi ta' pagament lill-klijenti tagħhom b'mod effettiv u kompetittiv. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-istituzzjonijiet ta' pagament jiġu inklużi taħt id-definizzjoni ta' "istituzzjonijiet" f'din id-Direttiva, iżda biss għall-fini ta' sistemi ta' pagament, u mhux għal sistemi ta' saldu ta' titoli. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jissodisfaw ir-rekwiżiti u jirrispettaw ir-regoli tas-sistemi ta' pagament li għandhom jitħallew jipparteċipaw f'dawk is-sistemi. Ir-Regolament XXX [PSR] jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-operaturi tas-sistemi ta' pagament rigward l-ammissjoni ta' applikanti ġodda għall-parteċipazzjoni, inkluż fir-rigward ta' valutazzjoni tar-riskji rilevanti. ***Minħabba l-importanza li jiġu restawrati kemm jista' jkun malajr il-kundizzjonijiet ekwi bejn il-banek u l-entitajiet mhux bankarji u meta jitqies l-impatt li s-sitwazzjoni attwali tikkawża***	(71) L-istituzzjonijiet ta' pagament mhumiex inklużi fil-lista ta' entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "istituzzjonijiet" fl-Artikolu 2, il-punt (b) tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47]. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet ta' pagament effettivament mhux qed jitħallew jipparteċipaw f'sistemi ta' pagament innominati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Dan in-nuqqas ta' aċċess għal ċerti sistemi ta' pagament ewlenin jista' jimpedixxi lill-istituzzjonijiet ta' pagament milli jipprovdu firxa sħiħa ta' servizzi ta' pagament lill-klijenti tagħhom b'mod effettiv u kompetittiv. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-istituzzjonijiet ta' pagament jiġu inklużi taħt id-definizzjoni ta' "istituzzjonijiet" f'din id-Direttiva, iżda biss għall-fini ta' sistemi ta' pagament, u mhux għal sistemi ta' saldu ta' titoli. ***Għalhekk huwa milqugħ li dan il-pass diġà ttieħed permezz tar-Regolament dwar il-Pagamenti Istantanji.*** Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jissodisfaw ir-rekwiżiti u jirrispettaw ir-regoli tas-sistemi ta' pagament li għandhom jitħallew jipparteċipaw f'dawk is-sistemi. Ir-Regolament XXX [PSR] jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-operaturi tas-sistemi ta' pagament rigward l-ammissjoni ta' applikanti ġodda għall-parteċipazzjoni, inkluż fir-rigward ta' valutazzjoni tar-riskji rilevanti.

għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-pagamenti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw skadenza iqsar għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni l-ġdida fid-Direttiva 98/26/KE milli għad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva preżenti. Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jintalbu jittrasponu din id-dispożizzjoni l-ġdida fil-liġi nazzjonali tagħhom fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minflok it-18-il xahar li japplikaw għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.	
[47] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).	[47] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

Or. en

Emenda 73
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi ***[XX XX 2023]***,	(77) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fit-22 ta' Awwissu 2023***,

Or. en

Emenda 74
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) "fornitur ta' servizzi tekniċi" tfisser fornitur ta' servizzi li***, għalkemm mhumiex servizzi ta' pagament, huma meħtieġa biex*** jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament, mingħajr ma ***l-fornitur ta' servizzi tekniċi*** jidħol fi kwalunkwe ħin fil-pussess tal-fondi li jridu jiġu ttrasferiti;	(24) "fornitur ta' servizzi tekniċi" tfisser fornitur ta' servizzi li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament, mingħajr ma jidħol fl-ebda ħin fil-pussess tal-fondi li għandhom jiġu ttrasferiti;

Or. en

Emenda 75
Eugen Jurzyca

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) "fornitur ta' servizzi tekniċi" tfisser fornitur ta' servizzi li***, għalkemm mhumiex servizzi ta' pagament, huma meħtieġa biex*** jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament, mingħajr ma ***l-fornitur ta' servizzi tekniċi*** jidħol fi kwalunkwe ħin fil-pussess tal-fondi li jridu jiġu ttrasferiti;	(24) "fornitur ta' servizzi tekniċi" tfisser fornitur ta' servizzi li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament, mingħajr ma jidħol fl-ebda ħin fil-pussess tal-fondi li għandhom jiġu ttrasferiti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tad-definizzjoni mar-Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament.

Emenda 76
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) "fornitur ta' servizzi tekniċi" tfisser fornitur ta' servizzi li***, għalkemm mhumiex servizzi ta' pagament, huma meħtieġa biex jappoġġaw*** il-forniment ta' servizzi ta' pagament, mingħajr ma ***l-fornitur ta' servizzi tekniċi*** jidħol fi kwalunkwe ħin fil-pussess tal-fondi li jridu jiġu ttrasferiti;	(24) "fornitur ta' servizzi tekniċi" tfisser fornitur ta' servizzi li ***jappoġġja*** l-forniment ta' servizzi ta' pagament, mingħajr ma jidħol fi kwalunkwe ħin fil-pussess tal-fondi li jridu jiġu ttrasferiti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li d-definizzjoni tkun koerenti mad-definizzjoni fir-Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament

Emenda 77
Eugen Jurzyca

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) "jum ta' negozju" tfisser jum li fih il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jew il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju involut fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament ikun miftuħ għan-negozju ***kif meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta'*** tranżazzjoni ta' pagament;	(26) "jum ta' negozju" tfisser jum li fih il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jew tal-benefiċjarju involut fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament ikun miftuħ għan-negozju ***biex jeżegwixxi*** tranżazzjoni ta' pagament;

Or. en

Emenda 78
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "Servizzi tal-informazzjoni u t-teknoloġija (ICT)" tfisser Servizzi tal-ICT kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 21 tar-Regolament (UE) 2022/2554;	(27) "Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-***komunikazzjonijiet*** (ICT)" tfisser Servizzi tal-ICT kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 21 tar-Regolament (UE) 2022/2554;

Or. en

Emenda 79
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) "grupp" tfisser grupp ta' impriżi li jkunu marbuta ma' xulxin b'relazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 22(1), il-***punti*** (2) jew (7) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] , jew impriżi kif imsemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014[52], li jkunu marbuta ma' xulxin b'relazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 10(1) jew fl-Artikolu 113(6), l-ewwel subparagrafu, jew fl-Artikolu 113(7), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;	(30) "grupp" tfisser grupp ta' impriżi li jkunu marbuta ma' xulxin b'relazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 22(1), (2) jew (7) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] jew impriżi kif imsemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014[52], li jkunu marbuta ma' xulxin b'relazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 10(1) jew fl-Artikolu 113(6), l-ewwel subparagrafu, jew fl-Artikolu 113(7), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
[51] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).	[51] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).
[52] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 li jissupplimenta r-	[52] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 li jissupplimenta r-

Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-Rekwiżiti tal-Fondi Proprji għall-istituzzjonijiet (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 8).	Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-Rekwiżiti tal-Fondi Proprji għall-istituzzjonijiet (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 8).

Or. en

Emenda 80
Eugen Jurzyca

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) "distributur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiddistribwixxi jew tifdi flus elettroniċi f'isem istituzzjoni ta' pagament;	(36) "distributur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiddistribwixxi jew tifdi flus elettroniċi f'isem istituzzjoni ta' pagament ***u ingaġġata minnha***;

Or. en

Emenda 81
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) "servizzi ta' flus elettroniċi" tfisser il-ħruġ ta' flus elettroniċi***, iż-żamma ta' kontijiet ta' pagament li jaħżnu unitajiet ta' flus elettroniċi, u t-trasferiment ta' unitajiet ta' flus elettroniċi;***	(37) "servizzi ta' flus elettroniċi" tfisser il-ħruġ ta' flus elettroniċi;

Or. en

Emenda 82
Eugen Jurzyca

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) "servizzi ta' flus elettroniċi" tfisser il-ħruġ ta' flus elettroniċi***, iż-żamma ta' kontijiet ta' pagament li jaħżnu unitajiet ta' flus elettroniċi, u t-trasferiment ta' unitajiet ta' flus elettroniċi***;	(37) "servizzi ta' flus elettroniċi" tfisser il-ħruġ ta' flus elettroniċi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni fil-PSD3 hija bidla mill-pożizzjoni attwali taħt l-EMD2 li tirregola biss il-ħruġ ta' flus elettroniċi (għalkemm dawn is-servizzi addizzjonali ta' flus elettroniċi probabbilment jinqabdu bħala servizzi ta' pagament taħt il-PSD2). Dan joħloq riskju ta' regolamentazzjoni doppja.

Emenda 83
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) "amministratur tal-ATMs" tfisser operaturi ta' kaxxiera awtomatiċi li ma ***jġestux*** kontijiet ta' pagament.	(38) "amministratur tal-ATMs" tfisser operaturi ta' kaxxiera awtomatiċi li ma ***għandhomx*** kontijiet ta' pagament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-amministratur tal-ATMs ma jżommx kontijiet tal-pagament - dik għandha tkun it-tifsira tat-test.

Emenda 84
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju, ***inkluż kalkolu ta' tbassir ta' bagit għall-ewwel tliet snin finanzjarji*** li juru li l-applikant jista' juża s-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri xierqa u proporzjonati biex jopera sew;	(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li juri li l-applikant jista' juża s-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri xierqa u proporzjonati biex jopera sew;

Or. en

Emenda 85
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt l – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-użu maħsub ta' aġenti, distributuri jew fergħat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 86
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt l – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-kontrolli mhux fuq il-post u fuq il-post li l-applikant jimpenja ruħu li jwettaq fuq dawk l-aġenti, distributuri jew fergħat mill-inqas darba fis-sena;	***imħassar***

Or. en

Emenda 87
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-istituzzjoni ta' pagament tipprovdi servizzi ta' flus elettroniċi, il-kapital tagħha ma għandu fl-ebda ħin ikun inqas minn EUR ***400 000***.	(d) meta l-istituzzjoni ta' pagament tipprovdi servizzi ta' flus elettroniċi, il-kapital tagħha ma għandu fl-ebda ħin ikun inqas minn EUR ***300 000***.

Or. en

Emenda 88
Eugen Jurzyca

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-istituzzjoni ta' pagament tipprovdi servizzi ta' flus elettroniċi, il-kapital tagħha ma għandu fl-ebda ħin ikun inqas minn EUR ***400 000***.	(d) meta l-istituzzjoni ta' pagament tipprovdi servizzi ta' flus elettroniċi, il-kapital tagħha ma għandu fl-ebda ħin ikun inqas minn EUR ***350 000***.

Or. en

Emenda 89
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiddepożita dawk il-fondi ***jew*** f'kont separat f'istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru***, jew f'bank ċentrali fid-diskrezzjoni ta' dak il-bank ċentrali***;	(a) tiddepożita dawk il-fondi f'kont separat f'istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru;

Or. en

Emenda 90
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, punt (a), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' pagament ikollhom aċċess għal kontijiet fil-banek ċentrali, fuq bażi oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata. Il-banek ċentrali għandhom jipprovdu raġunijiet debitament motivati għal kwalunkwe deċiżjoni li jirrifjutaw aċċess għal kont mal-bank ċentrali, jew li jirtiraw tali aċċess, lill-istituzzjoni tal-pagament.

Or. en

Emenda 91
Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
